DIPARTIMENT GHALL-KURRIKULU,
TAGHLIM TUL IL-HAJJA U IMPJEGABILITÀ
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DEPARTMENT FOR CURRICULUM,
LIFELONG LEARNING AND EMPLOYABILITY
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar

**Tel:** 2598 2425 / 2598 2426 / 2598 2427 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

## ĊIRKULARI

**Informazzjoni:** X **Data:** 4 ta' Ġunju 2018

**Azzjoni:** X **Ref:** DLAP 161/2018

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Sekondarji tal-Istat u Sezzjonijiet

**Mingħand:** Coleiro Doreen, Grima Carlston, Mifsud George u Muscat David – Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Aġġornament tas-sillabu tal-grammatika għall-għaxar sena

---

It-Taqsima tal-Malti tad-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar qed tavża lill-għalliema tal-Malti li jgħallmu klassijiet tal-għaxar sena li **b'effett minn Settembru 2018**, se jitnaqqsu xi aspetti tal-grammatika.

Dan it-tnaqqis qed isir biex ikun hemm aktar ħin iddedikat għal aspetti oħra tal-lingwa, fosthom il-kitba, u l-letteratura. L-għalliema huma mħeġġa biex jaġġornaw l-iskemi ta' xogħol tagħhom biex jirriflettu dan l-aġġornament.

L-aspetti li se jitnaqqsu huma dawn:
1. Il-mekkaniżmi tranżizzjonali (parti minn kapitlu 22)
2. Il-konkordja, il-komplimenti tal-verb u xi kelmiet li jagħmluha ta' verbi (kapitlu 26)
3. It-tempijiet komposti u verbi awżiljari (kapitlu 27)

Għalhekk l-aspetti li se jibqgħu fis-sillabu u jkunu mgħallma huma dawn:
1. Il-konġunzjonijet (parti minn kapitlu 22)
2. L-avverbju (kapitlu 23)
3. L-aspetti Rumanzi u Ingliżi tal-kitba (kapitlu 24)
4. Il-verb b'tifsirtu (kapitlu 25)
5. Il-Punteġġjatura u s-sentenza (kapitlu 28)

Min ikollu bżonn xi kjarifika fuq dawn l-aġġornamenti jista' jkellem lill-Kap tad-Dipartiment jew lill-Uffiċjal Edukattiv tal-Kulleġġ tiegħu.

Grazzi tal-kollaborazzjoni,

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**